MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Appell Kriminali Numru. 306/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Stephen Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Stephen Zahra talli:

(1) F’xi hin bejn it-8.30 ta’ filghaxija tal-10 ta’ April 1997 u d-9.15 ta’ filghodu tal-11 ta’ April 1997 waqt li kien f’Haz-Zabbar ikkommetta serq ta’ diversi oggetti u flus, liema serq li huwa kkwalifikat bil-hin, mezz u valur li jiskorri l-elf lira Maltija, sar ghad-detriment ta’ Horace Grech minn Haz-Zabbar;

(2) F’dawn il-Gzejjer, f’xi hin bejn it-8.30 ta’ filghaxija tal-10 ta’ April 1997 u d-9.15 ta’ filghodu tal-11 ta’ April 1997 volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tiskorri l-valur ta’ hames mitt lira Maltija saret ghad-detriment ta’ Horace Grech minn Haz-Zabbar;

(3) Fl-istess data u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer, sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta wara li gie misjub hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi.
Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, tordna lill-imsemmi Stephen Zahra sabiex ihallas l-ispejjez peritali ta’din il-kawza ai termini ta’ l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta’ Settembru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Stephen Zahra hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal piena karcerarja effettiva ta’ tmintax-il (18) xahar, kif ukoll ikkundannatu jhallas l-ispejjez inkorsi fil-hatra ta’ l-esperti, u cioe tal-Perit Richard Aquilina (fol 15), Robert Cardona (fol 21), PC 644 Evan Camilleri, PC 1336 Jesmond Micallef (fol 42A) u Joseph Bongailas (fol 51) fl-ammont komplessiv ta mitejn sebgha w erbghin lira u erbgha w sebghin centezmu (Lm247.74) u dan fi zmien tliet (3) xhur u fin-nuqqas jigu konvertititi fi prigunerija;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Stephen Zahra pprezentat fit-2 ta’ Ottubru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull htija u piena.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) L-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta jew inkompleta tal-ligi meta sabitu hati a bazi tal-konkluzjonijiet peritali tax-xhud Joseph Bongailas peress illi r-rapport ta’ dan ix-xhud jikkostitwixxi opinjoni *ex parte* u konsegwentement inammissibbli skon il-ligi; (2) Minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta jew inkompleta tal-ligi kif ukoll apprezzament skorrett tal-provi meta sabet htija ta’ l-appellant unikament a bazi tal-fatt li l-impronti digitali tieghu nstabu fuq il-post tad-delitt; (3) Minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta jew inkompleta tal-ligi meta sabitu hati ta’ serq bil-kwalifika tal-hin peress illi din il-kwalifika ma tirrizultax ippruvata; (4) Minghajr pregudizzju, l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta jew inkompleta tal-ligi meta sabitu hati bl-addebitu tar-recidiva; (5) Minghajr pregudizzju, il-piena nflitta kienet wahda eccessiva.
L-appellant qieghed jibbaza l-ewwel aggravju tieghu fuq il-fatt illi wara li l-Avukat Generali b’nota ta’ rinviju tat-28 ta’ Marzu 2000 (u mhux 2006 kif l-appellant jghid fir-rikors ta’ appell) talab sabiex terga’ ssir il-kumpilazzjoni mill-gdid ghax l-atti kienu difettuzi peress illi ma nqarax ir-rapport ta’ l-akkuzi bil-gurament kif rikjest mill-artikolu 390(1) tal-Kodici Kriminali, l-ewwel Qorti la hatret u l-anqas ikkonfermat il-hatra ta’ xi esperti li kienu gew nominati fil-kors ta’ l-inkjesta. Ghalhekk, isostni l-appellant, l-opinjoni ta’ Joseph Bongailas ghandha titqies biss bhala opinjoni *ex parte* ta’ xhud tal-prosekuzzjoni.

Din il-Qorti fliet l-atti kollha tal-kawza u huwa minnu illi wara n-nota ta’ rinviju msemmija tat-28 ta’ Marzu 2000, l-ewwel Qorti fl-ebda waqt ma hatret esperti jew ikkonfermat il-hatra ta’ l-esperti li gew nominati fl-inkjesta magisterjali. Mill-atti pero` jirrizulta illi meta l-appellant tressaq originarjament fit-28 ta’ Frar 2000, xehdet Maria Concetta Gauci fil-kariga taghha ta’ deputata registratur tal-Qorti tal-Magistrati u esebiet il-process verbal numru 268/98. Mill-verbal tas-seduta msemmija (a fol. 2) jirrizulta li l-ewwel Qorti minnufih ikkonfermat il-hatra ta’ l-esperti nominati. Wara n-nota ta’ rinviju tat-28 ta’ Marzu 2000, fis-

seduta tat-30 ta’ Marzu 2000, l-allura difensur ta’ l-appellant irregistra s-segwenti verbal:

**“Dr. Jason Azzopardi ghall-imputat jirrileva illi minkejja d-drittijiet li ghandu l-imputat Zahra f’dan l-istadju huwa xorta wahda ser jaghti ruhu b’notifikat ghas-seduta tallum u ghaldaqstant jezenta lill-Qorti milli terga’ tisma’ l-provi s’issa migbura mill-gdid u dan sabiex juri illi ma jridx johloq intoppi legali ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja.”**

Permezz ta’ dan il-verbal, id-difiza giet li ezentat lill-Qorti milli tirrepeti dak kollu li kien diga` sar in kwantu l-gbir tal-provi. Parti integrali ta’ dan kien id-digriet imsemmi fejn l-ewwel Qorti, minnufih kif xehdet Maria Concetta Gauci, ikkonfermat il-hatra ta’ l-esperti. Dak li gie accettat mid-difiza ta’ l-appellant fit-30 ta’ Marzu 2000 ma jistax issa jigi rinnegat. Konsegwentement ix-xiehda ta’ Joseph Bongailas giet korrettement meqjusa mill-ewwel Qorti bhala xiehda ta’ espert tal-Qorti. Ghalhekk l-ewwel aggravju qieghed jigi respint.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-piz li jista’ jinghata lill-impronti digitali ta’ l-appellant misjuba fuq il-post. L-appellant jikkoncedi illi legalment l-impronti digitali huma prova indizzjarja u, bhala tali, jistghu wahedhom u minghajr il-bzonn ta’ korroborazzjoni, iservu bhala l-bazi ta’ sejbien ta’ htija purche` l-indizji jkunu tali li jwasslu sal-grad tal-konvinciment morali illi l-unika konkluzjoni ragjonevoli tkun illi l-akkuzat u hadd aktar hliefu kien hati ta’ l-ghemil kriminali addebitat lilu. Bhal kull indizju iehor, ikompli l-appellant, l-impronti digitali ghandhom ikunu nstabu u gew elevati f’tali cirkostanzi illi jesprimu b’mod univoku l-htija ta’ l-akkuzat tant illi jkunu direttament inkompatibbli mal-presunzjoni ta’ l-innocenza tieghu. Fil-kaz odjern, jghid l-appellant, dan l-indizju ma kienx b’sahhtu u univoku bizzejjed sabiex in izolament iwassal ghad-dikjarazzjoni tar-reita` tieghu. L-appellant josserva li l-impronti nstabu fuq in-naha ta’ barra tal-hgiega tat-tieqa li giet sgassata biex sar id-dhul filwaqt illi fuq gewwa tal-fond ma nstabux impronti digitali tieghu. Inoltre, skond l-appellant, l-ewwel Qorti kienet skorretta meta abbinat il-fatt li nstabu l-

imsemmijin impronti digitali mal-fatt illi l-appellant ghazel illi jezercita d-dritt tieghu li jibqa’ sieket fil-kors ta’ l-interrogazzjoni mill-Pulizija biex waslet ghas-sejbien ta’ htija tieghu. L-appellant jghid illi *“kien ikollha ragun l-ewwel Qorti li tadotta tali ragunament f’kaz fejn l-impronti digitali jkunu nstabu f’sit fejn l-indagat jew l-akkuzat ikun cahad b’mod kategoriku illi huwa qatt mar fih jew li qatt kien vicin tieghu in precedenza ghad-data tal-kommissjoni tar-reat ghaliex hekk imbaghad l-impronti digitali jkunu indizju inekwivoku illi jorbtu l-akkuzat direttament mal-fatti inkriminati. Fil-kaz odjern pero` ma hemm xejn minn dan kollu ghaliex l-esponent kull ma ghamel huwa li ezercita d-dritt sagrosant tieghu li jibqa’ sieket fil-kors tal-investigazzjonijiet, fatt li minnu zgur li ma jistghu jsiru ebda tip ta’ inferenzi ta’ htija.”*

M’hemm l-ebda dubju li ma tista’ ssir l-ebda inferenza mill-fatt li persuna tkun ghazlet li ma twegibx il-mistoqsijiet ta’ ufficjal investigatur.[1] Pero` dak li ma qalx l-appellant hu li meta kien qieghed jixhed l-ufficjal investigatur l-Ispettur Carmelo Bartolo[2], dan qal li meta kellem lill-appellant, wara li tah id-debita twissija skond il-ligi, u qabel ma saret l-istqarrija bil-miktub fejn l-appellant ma wiegeb ghall-ebda domanda, *“huwa verbalment cahad illi huwa kien responsabbli ghal din is-serqa, cahad illi b’xi mod jew f’xi hin dahal fil-fond in kwistjoni”*. Din ix-xiehda ta’ l-Ispettur Bartolo ma gietx kontradetta. Minnha jidher li l-appellant ipprova jiddistanza lilu nnifsu mil-lok tad-delitt minghajr, pero`, ma ta spjegazzjoni ghall-prezenza ta’ l-impronti digitali fuq it-tieqa li giet sgassata. Impronta minnhom (Dok. 97 AUC 301), sahansitra nstabet – kif jidher mill-iskizz Dok. EC01 esebit mar-relazzjoni tas-*scene-of-crime officers* P.C. 644 Evan Camilleri u P.C. 1336 Jesmond Micallef (a fol. 40) – precizament fix-xifer tal-parti tal-hgiega li nkissret biex il-halliel seta’ jdahhal idejh u jiftah it-tieqa minn gewwa. Fi kliem l-appellant stess, stante c-cahda tieghu lill-Pulizija, l-impronti digitali f’dan il-kaz huma *“indizju inekwivoku illi jorbtu l-akkuzat direttament mal-fatti inkriminati”*.

[1] L-artikolu 355AU tal-Kodici Kriminali li jipprovdi ghal inferenzi li jistghu jsiru min-nuqqas li jissemmew fatti, ghadu mhuwiex *in vigore*.
[2] Seduta tat-28 ta’ Frar 2000.

L-appellant jilmenta wkoll illi nonostante li minn fuq il-lok tad-delitt gew elevati tracci ta' demm u saliva li allegatament kienu jappartjenu lil min wettaq ir-reat in kwistjoni, il-prosekuzzjoni naqset milli titlob illi jsiru l-ezamijiet serologici komparattivi relattivi sabiex jigi stabbilit jekk dawk kinux jappartjenu lill-appellant.

Dan in-nuqqas tal-prosekuzzjoni ma jnaqqas xejn mill-valur probatorju tal-provi l-ohra li ghalihom ghadha kemm saret referenza.

Konsegwentement it-tieni aggravju huwa michud ukoll.

It-tielet aggravju jirrigwarda s-sejbien ta' htija ta' serq bil-kwalifika tal-hin. L-appellant jghid illi ghalkemm wiehed jista' jipprezumi illi s-serq sehh matul il-lejl precedenti, minn imkien ma hemm prova diretta, konkreta u oggettiva illi s-serq sehh fil-hin ta' bejn inzul ix-xemx tal-jum ta' qabel u t-tlugh tax-xemx l-ghada.

Hawn din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi, sejra taghti l-beneficcju tad-dubju lill-appellant. Difatti l-uniku xhud in materja kien il-proprjetarju Horace Grech li qal li l-ahhar li kien ra l-hanut intatt kien bejn is-sitta u s-sitta u nofs ta' filghaxija u l-isgass gie skopert l-ghada fid-disgha nieqes kwart ta' filghodu. Jigifieri sakemm gie skopert l-isgass kien hemm hinijiet li ma jaqghux fiz-zmien li trid il-ligi biex tirrizulta l-kwalifika tal-hin.

Permezz tar-raba' aggravju tieghu l-appellant jghid illi l-ewwel Qorti ma jmissha qatt sabitu hati li sar recidiv. Hawn din il-Qorti tghid bla tlaqliq li l-appellant ghandu ragun. L-unika sentenza li giet esebita fil-konfront tieghu bhala prova ta' recidiva hija sentenza tat-23 ta' Jannar 1990 li permezz taghha nghata *conditional discharge* skond l-artikolu 9 tal-Kap. 152 ghal perijodu ta' sentejn u gie wkoll ikkundannat ghall-hlas ta' *ammenda*.

Irid ghal darb'ohra jigi ribadit illi dikjarazzjoni ta' htija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taht il-Kap. 446 (u qabel il-Kap. 152) **"ghandha titqies li ma tkunx dikjarazzjoni ta' htija**

**ghal ebda fini tkun li tkun hlief"** fic-cirkostanzi msemmija fl-artikolu 25 tal-Kap. 446 (qabel l-artikolu 12 tal-Kap. 152) u liema cirkostanzi mhumiex applikabbli ghall-kaz odjern. Ghalhekk persuna ma tistax titqies recidiva jekk tikkommetti delitt iehor matul il-perijodu tal-*conditional discharge* jew il-perijodu ta' *probation*[3]. Jigifieri l-appellant ma setax jigi dikjarat recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali minhabba s-sentenza msemmija tat-23 ta' Jannar 1990. L-anqas ma hu l-kaz li l-appellant jista' jitqies recidiv minhabba li fl-imsemmija sentenza gie kkundannat ghall-hlas ta' *ammenda* peress illi din kienet piena li nghatat ghal kontravvenzjoni.

L-Avukat Generali addebita lill-appellant ukoll ir-recidiva a tenur ta' l-artikolu 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellant jghid illi dan ma jirrizultax izda minkejja dan l-ewwel Qorti xorta attribwietlu tali recidiva. Hawn ukoll l-appellant ghandu ragun. L-unika sentenza esebita bhala prova tar-recidiva hija dik imsemmija tat-23 ta' Jannar 1990 li fi kwalunkwe kaz kienet tittratta materji kompletament differenti – ksur tal-ligijiet tat-traffiku u ta' l-assigurazzjoni.

Kwindi r-raba' aggravju huwa milqugh.

L-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena li l-appellant iqis eccessiva.

In materja ta' piena, il-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[4].

Fil-kaz in ezami, l-appellant gie kkundannat tmintax-il xahar prigunerija. Issa, kif inghad aktar 'il fuq, din il-Qorti sejra tiddikjara illi mhijiex applikabbli l-kwalifika tal-hin fl-

---

3 Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Johan Sultana**, 2 ta' Awissu 2006.

4 Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

ewwel imputazzjoni. Il-piena ghal serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jiskorri l-elf liri Maltin (Lm1,000) hija ta' prigunerija ghal zmien minn tlettax-il xahar sa seba' snin mizjuda bi grad (artikoli 279 u 280 tal-Kodici Kriminali). Dan ifisser li l-piena minima dwar l-ewwel imputazzjoni hi proprju dik ta' tmintax-il xahar prigunerija. Ifisser ukoll li l-ewwel Qorti, teoretikament, la ziedet il-piena minhabba s-sejbien ta' htija dwar it-tieni imputazzjoni (li setghet tizdied b'minn terz sa nofs il-piena ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin) – u li fir-rigward ta' tali imputazzjoni ma setax jigi applikat l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali peress illi l-hsara kagunata fil-hanut in kwistjoni ma kinitx biss dik li saret bl-isgass tat-tieqa izda kienet tikkonsisti fi hsarat sostanzjali vendikattivi fuq in-naha ta' gewwa tal-hanut – u l-anqas ma jidher li ziedet il-piena minhabba l-addebitu (kif stabbilit, erroneju) tar-recidiva. Jigifieri bil-piena applikata, l-ewwel Qorti mponiet piena taht il-minimu applikabbli ghall-kaz, ghalkemm ma jidhirx li kien dak li kellha f'mohhha. Effettivament u ciononostante, fl-interessi tal-gustizzja u sabiex jigi rispekkjat dak li din il-Qorti issa qed tiddeciedi, u cioe` li l-appellant ma kellux jinstab hati tal-kwalifika tal-hin fl-ewwel imputazzjoni u l-anqas ta' l-imputazzjoni tar-recidiva, kif ukoll stante d-dekorriment taz-zmien minn meta sehhew ir-reati in kwistjoni, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali hemm lok ta' temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellant hati, kwantu ghall-ewwel imputazzjoni, tal-kwalifika tal-hin u minn dik il-kwalifika tilliberah, tirrevokaha wkoll in kwantu sabitu hati tat-tielet imputazzjoni, u cioe` l-addebitu ta' recidiva a tenur ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, u minn tali addebitu tilliberah, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta' tmintax-il xahar u minflok tikkundannah ghal perijodu ta' tnax-il xahar bit-tnaqqis ta' kwalunkwe zmien li seta' ghamel taht arrest preventive in konnessjoni ma' dan il-kaz, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b'dan li t-

terminu ghall-hlas ta’ l-ispejjez ta’ l-esperti – hames mija sebgha u sebghin euro u tmien centezmi (Euro 577.08) ekwivalenti ghal mitejn sebgha u erbghin liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm247.74) – jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------